# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf










dinja waħda




BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 71 Novembru - Diċembru 2005



# Hej ħbieb!

## X'għandna?


editorjal 2
Aħbarijiet 3
X'għandna mid-dinja? 4
X'se Naraw? 5
Attività 6
Ittra 6
Gallerija 7
Kompetizzjoni 7
Falko 8
Planet of the Apes 9
Sibtha fix-Xibka 10
Daħħal membru 10
Amażon 11
Ix-Xagħra l-Ħamra 12




Jekk il-pitirrossi jfakkrukom fil-Milied, mela dan l-aħħar suppost ftakartu ĦAFNA fil-Milied, għax dil-ħarifa ġie numru kbir ta' pitirrossi. Naturalment mhux kollha baqgħu hawn. Ħafna minnhom straħu ftit mill-vjaġġ li għamlu, imbagħad komplew itiru u bħalissa ssetiljati għax-xitwa f'xi oażi fil-Libja jew it-Tuneżija. Il-pitirrossi li baqgħu Malta mlew il-widien u l-ġonna bit-tektik u t-tisfir ħelu tagħhom. It-tektika tal-pitirross tfisser li reġa' wasal żmien ix-xita, żmien is-sħab, żmien ir-riħa ta' ħamrija mxarrba, żmien it-tapiti hodor ta' haxixa Ingliża kullimkien, żmien iż-żrinġijiet u l-faqqiegħ.

U żmien it-taħwil ukoll! Fil-proġett kbir li qed nagħmlu li jismu FORESTA 2000, il-ħarifa u x-xitwa huma ż-żmien tajjeb biex inkomplu nħawlu s-siġar. B'hekk sa ma jasal is-sajf l-gheruq ikunu leħqu xarbu xarba ilma twila. Dawk is-siġar xi darba jridu jsiru bosk ikbar mill-Buskett. Aħna tal-Klabb sadattant ħa mmorru nħawlu wkoll. Dettalji f'paġna 6!

dinja waħda

Bħalissa fl-iskejjel primarji għaddejja wkoll il-kampanja tal-BirdLife DINJA WAĦDA. Ġennu lill-għalliema tagħkom biex tieħdu sehem fl-attivitajiet ta' Dinja Waħda, għax min jieħu sehem f'Dinja Waħda huwa ambjentalist.

U li tkunu ambjentalisti MINN ISSA hija l-aqwa tama għal dinja sabiħa u b'saħħitha.

Il-Milied it-Tajjeb lilkom u lill-familja.





**Victor Falzon** L-Editur



Il-**qanfud** (Algerian hedgehog *Atelerix algirus*) huwa wiehed mill-ftit mammiferi li jgħixu Malta! Għadu komuni, imma ghandu problema kbira għax qed jinfetħu wisq toroq fil-kampanja, li huma periklu kbir għall-qniefed.
Tgħix xi darba fil-futur, f'Malta wkoll jibdew jibnu toroq li jkollhom sabwejs żgħar minn fejn jgħaddu l-qniefed...


## kumitat klabb ħuttaf

Jason Aloisio, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Mariangela Meli, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Diċembru 2005
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata: Qanfud, ritratt ta' Raymond Galea
Qoxra ta' wara: Ix-Xagħra l-Ħamra
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xahar ejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**

# Kawbojs fuq il-baħar!



Donnu lanqas il-baħar Mediterran ma jesagħhom!



serra

Fil-21 Novembru 2005, erba' kaċċaturi fuq spidbowt daħlu jiġru fil-bajja ta' l-Għadira u sparaw u qatlu serra viċin ix-xatt, ġabruha minn wiċċ l-ilma u saqu jiġru 'l barra biha. Xi nies u turisti li kienu qed jippassiġġaw f'xatt il-baħar baqgħu ħalqhom miftuħ. Bilkemm riedu jemmnu t-tostaġni li raw b'għajnejhom.

Fil-fatt xi ħadd minnhom ċempel dak il-ħin stess lill-BirdLife, li mill-ewwel bagħtet membru li dak il-ħin kien fir-riserva naturali ta' l-Għadira, li qiegħda viċin. Il-membru rnexxielu jieħu ritratti ta' l-ispidbowt, li mbagħad għaddejniehom lill-pulizija. Bis-saħħa tar-ritratti, il-pulizija qabdu l-erba' kawboys.

Is-**serra** (red-breasted merganser Mergus serrator) hija tip ta' borka (jiġifieri papra selvaġġa) li f'Malta hija skarsa ħafna. Jisimha hekk għax ix-xifer ta' munqarha għandu bħal serrieq irqiq, biex il-ħut li taqbad ma jaħarbilhiex. B'xorti ħażina l-liġi Maltija tħalli l-kaċċaturi joqtlu dan l-għasfur sabiħ, imma żgur ma jistgħux jagħmlu dan ġo bajja ftit metri bogħod mix-xatt!

## Ftaħna!



Jason Aloisio

Forsi diġà mortu s-Simar ma' sħabkom tal-klassi, jew xi ħarġa tal-Klabb. Issa tistgħu tmorru wkoll mal-familja. F'Ottubru l-BirdLife fetħet iċ-ċentru edukattiv fis-Simar, u r-riserva issa bdejna nifthuha għall-publiku kull nhar ta' **Ħadd** minn **12.30 - 4.30pm**.

Jekk tkunu għaddejin mill-bajja tax-Xemxija, u jkollkom ftit ċans, aqbżu qabża sar-riserva, u forsi taraw xi għasfur interessanti mill-ħajd...

Dħul fir-riserva huwa bla ħlas.




Għal żmien il-fest **raħħasna** l-prezz tal-ktieb favoluż...

***Wildlife** of the*
***Maltese Islands***

minn **Lm7.50** għal **Lm5.50**

Dar-roħs jgħodd BISS għall-**membri tal-BirdLife***

Il-ktieb issibuh għall-bejgħ
mir-riservi ta' l-**Għadira** u tas-**Simar**,
u miċ-**Ċentru tal-BirdLife** f'Ta' Xbiex.

*Meta tixtru uru t-tessera (membership card)
Din l-offerta tagħlaq fil-31 Jannar 2006

iffranka **Lm2**




# Ruma belt ħanina



Ruma, il-belt kapitali ta' l-**ITALJA**, dan l-aħħar għaddiet sett liġijiet ġodda biex jitħarsu l-annimali domestiċi. Bil-liġi issa kull min għandu kelb irid joħorġu passiġġata kuljum. Issa sar:

- kontra l-liġi li taqta' widnejn jew denb il-klieb.
- kontra l-liġi li taqfel pets f'karozza fis-shana.
- kontra l-liġi li taqla' d-dwiefer tal-qtates.
- kontra l-liġi li tlibbes il-pets kullar bil-ponta.
- kontra l-liġi li tagħti annimali bħala rigali waqt fieri.
- kontra l-liġi li żżomm ħut f'bawl tond (jingħad li ħuta tista' tagħma f'reċipjent ta' din il-forma)

Il-problema se tkun biex il-pulizija tara li l-liġijiet qed jobduhom. Wara kollox l-annimali ma jafux li għandhom dawn id-drittijiet ġodda! U s'issa għadna qatt ma rajna kelb jidħol l-għassa jirrapporta lil sidu! :)

# Għax qaleb id-dominoes!

Ftit ġimgħat ilu f'Amsterdam (fl-**OLANDA**) ġo sala tal-wiri xi nies kienu qed jarmaw wirja ta' dominoes biex jiksru r-rekord tad-dinja.

F'ħin minnhom daħal għasfur tal-bejt minn barra, li miskin poġġa fuq xi dominoes u qaleb skoss minnhom (xi 23,000!). Dawk li kienu qed jarmaw ġrew ġirja warajh, ġabuh f'rokna, u wieħed minnhom tah tir ta' airgun u qatlu.




Tridu taraw x'furur qam fil-pajjiż minħabba dal-qtil ta' għasfur tal-bejt. Anke fuq is-CNN u fil-BBC ġabuha!

Fl-Olanda l-għasfur tal-bejt (differenti minn ta' Malta) huwa mħares bil-liġi għax qiegħed fil-periklu li jinqered.






# Fl-art tad-dodo...

Fil-gżira **MAURITIUS** hemm foresta sabiħa jisimha Ferney Valley mimlija annimali u pjanti rari u anke endemiċi, fosthom il-Mauritius kestrel.

Ftit ilu l-gvern ta' Mauritius ħolom li jibni triq prinċipali li kienet se tgħaddi dritt minn ġol-foresta. L-ambjentalisti ipprotestaw, u fl-aħħar il-prim ministru ddeċieda li jżur il-foresta ħalli jara dan l-għaġeb kollu x'kien. Meta ra b'għajnejh il-ġmiel tal-post li kien se jirvina, ikkonverta u dak il-ħin stess waqqaf il-proġett kollu! Mhux soltu nisimgħu aħbarijiet sbieħ bħal dawn!

Li kieku dak il-proġett sar, xi annimali u pjanti kien jiġrilhom bħalma ġralu d-dodo. Id-dodo kien għasfur li darba wkoll kien jgħix fuq Mauritius, imma n-nies bdew joqtluh bla ħniena, irvinawlu l-ambjent tiegħu u spiċċaw qerduh minn wiċċ id-dinja.

## Jaħilbu l-orsijiet!



Fiċ-**ĊINA** jaħilbu l-orsijiet, imma mhux għall-ħalib. L-orsijiet jinżammu ħajjithom kollha marsusin f'gaġeġ żgħar ħafna, u jitwaħħlilhom pajp f'żaqqhom biex jiħdulhom likwidu mill-fwied. Bla loppju! Bla xejn! Dal-likwidu jinbiegħ bħala mediċina għax iċ-Ċiniżi jemmnu li jfejjaq xi mard. Din ħmerija mill-bidu sa l-aħħar, tant li l-gvern Ċiniż għalaq ħafna minn dawn il-"farms". Imma baqa' mal-200 farm, b'total ta' xi 7000 ors kull wieħed isofri moħqrija tal-biża' li diffiċli timmaġinaha. Ma ġibniex ritratt biex ma nimpressjonawkomx wisq. Imma tajjeb tkunu tafu fejn jaslu xi nies li m'għandhomx rispett lejn l-annimali.

# X'se nara?




**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu xi għasafar li jkunu magħna f'daż-żmien tas-sena.



## il-Vjolin tax-Xitwa

common chiffchaff   *Phylloscopus collybita*

Din il-bufula ċkejkna spiss tidher fil-btieħi u l-ġonna, tnaqqi l-insetti rqaq minn malweraq tas-siġar u x-xtieli fil-qsari. Minn fuq għandha lewn aħdar fil-griż; minn taħt hija bajdanija b'xi ftit daqqiet sofor. Saqajha jkunu suwed. Il-vjolin tax-xitwa huwa għasfur attiv ħafna u l-ħin kollu jtir jew jaqbeż minn fergħa għall-oħra. Mhux imgerrex daqs għasafar oħrajn, u għalhekk jaf jagħtik ċans tarah sew. Minn Jannar 'il quddiem jibda jsemma' l-għanja sempliċi tiegħu, speċjalment fi ġranet xemxin. Mill-għajta *tsiff-tsaff-tsiff-tsaff* ħa ismu bl-Ingliż.

(*Għasafar Madwarna* p 39)

## il-Fjamma Sewda

black redstart   *Phoenicurus ochruros*

Dil-ħarifa tgħidx kemm ġew minnhom! Il-fjamma sewda ssibha fuq il-bjut tad-djar daqskemm fil-kampanja. Ir-raġel ikun iswed bi ftit abjad mal-ġwienaħ, u l-mara tkun kannella ċar. It-tnejn għandhom denb ħamrani li hekk kif itiru jidher sew, kemm minħabba l-lewn sabiħ kif ukoll għax jiftħuh qisu mrewħa. Il-fjamma sewda għandha ħabta li meta tkun wieqfa ġieli timmolla għal darbtejn tlieta fuq saqajha. Dan l-għasfur huwa mir-razza tal-pitirross, u bħalu huwa għasfur ġelliedi. Iz-zekzika tiegħu hi eħxen u inqas mgħaġġla minn tal-pitirross.

(*Għasafar Madwarna* p 35)

Jekk għandek l-internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org**, klikkja KLABB HUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti ta' dawn iż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħoss li jagħmlu. Grazzi lill-webmaster Denis Cachia għal dan is-servizz.




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna***. Il-BirdLife harġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed.




# Ħa mmorru nħawlu!

**Foresta 2000** qed tikber u tikber! S'issa ħawwilna diġà xi 7000 siġra u arbuxxelli, imma baqa' eluf iktar x'jitħawlu. Naturalment il-pjanti għadhom żgħar u baqa' koċċ snin sa ma nibdew nimxu fid-dell tas-siġar! Imma bl-għajnuna li qed insibu din il-ħolma qed tiġri veru.

Aħna kburin li kien **Klabb Ħuttaf** li beda jaħdem u jfaddal għal dan il-proġett enormi. U se nkomplu ngħinu. Bħalma għamilna fi Frar li għadda, ħa nerġgħu nagħmlu f'Jannar tas-sena 2006. Ħa mmorru nagħtu daqqa t'id lir-rejnġer fix-xogħol ta' taħwil.

Mela qisu li tiġu magħna ħalli Foresta 2000 tibqa' verament proġett tagħna!



Data: **Il-Ħadd 8 Jannar 2006**
Niltaqgħu: Fid-daħla t'Isfel tal-Foresta (araw l-istampa).
Ħin: **9am** (nispiċċaw xi nofsinhar)
Età: **kulħadd** (ġenituri merħba)
Ġibu: xi ħaġa x'tieklu jekk tridu, u tiġux bi żraben tat-takkuna!!!

ittri

## Hawn jew m'hawnx?

Għażiż Editur,

Grazzi ħafna u prosit tax-xogħol siewi li tagħmlu biex tipproteġu n-natura tagħna.

Ftit ilu kont qed naqra *L-Għasafar ta' Malta* miktub minn Joe Sultana u f'paġna 92 sibt miktub li l-barbaġann hu "rari ħafna u residenti, imma x'aktarx li xi waħdiet jaslu minn barra fil-ħarifa."

Jien smajt li l-barbaġann m'għadux residenti hawn Malta. Liema minn dawn hija vera?

Prosit u ibqgħu sejrin hekk.

**Nevice Cascun**
Ħ'Attard



Għażiż Nevice,

Grazzi tal-kummenti sbieħ. Dwar il-mistoqsija tiegħek, jien staqsejtlek lill-awtur stess tal-ktieb. Hekk wieġbek Joe Sultana:

*"Fl-ornitoloġija l-kelma RESIDENTI tfisser speċi li tkun preżenti fil-pajjiż is-sena kollha. Fl-imgħoddi l-barbaġann ma kienx rari u kont taraħ is-sena kollha. Jien niftakru jbejjet fis-sies ta' bejn Marsalforn u Għajn Barrani (Għawdex) u kont naraħ kull meta kont immur hemm fl-għabex. Minħabba li hu abjad minn taħt, konna spiss nilmħuh jittajjar bil-lejl, u konna anki narawh iżur is-siġar tat-Tokk biex jaqbad l-għasafar tal-bejt li jorqdu hemm bil-mijiet. Maż-żmien il-barbaġann sar rari ħafna, mhux minħabba nuqqas ta' ikel, għax ġrieden u firien fil-kampanja fadal kemm trid! Naqas għax il-kaċċaturi kienu jisparaw fuqu, minkejja li kien protett bil-liġi.*

*L-aħħar darba li nafu li bejjet f'Chambray (Għawdex) kien fl-1974, u sa l-1988 kien għadu jbejjet f'Wied Ħanżira (ukoll f'Għawdex). F'dawn l-aħħar snin kien jidher xi wieħed kultant, għalkemm waslilna rapport (mhux konfermat) li par kien qiegħed ibejjet f'inħawi mwarrba f'Malta.*

*Illum il-barbaġann ma naħsibx li nistgħu nsejħulu residenti. Kieku dawk il-ftit li kultant ipassu minn pajjiżna ma joqtluhomx il-kaċċaturi, jien żgur li jsibu ikel biżżejjed biex jibqgħu hawn u jbejtu. Imbagħad inkunu nistgħu nerġgħu nqisu l-barbaġann residenti."*

L-Editur



**Ibagħtulna t-tpinġijiet naturali tagħkom!** imma mhux ta' annimali domestiċi. Tinsewx isimkom u età, u isem l-annimal jew pjanta.



**GAMIEMA**
Deborah Mallia 11



**FRAS-SERVJENT**
Odette Pulè 11



**TAL-BEJT**
Luke Micallef 10



**KAPINERA**
Luke Farrugia



**ĊUVETT**
Nicole Woollard 12





**WIDNET IL-BAĦAR**
Jeffrey Sciberras 17



**MALVIZZ ISWED**
Justine Lanzon 10



**CINJI**
Ilona Pirotta 11



**MARGUN**
Gabriel Micallef 10

# Tisliba 71

Desirée Falzon



Fil-kaxxa l-griża għandu jifforma isem ta' għasfur tal-ġenn

It-tweġibiet ta' di it-tisliba ssibuhom kollha f'din il-ħarġa stess tal-*Ħuttafa*. Ibagħtu t-tweġibiet fuq karta jew skenjaw it-tisliba u ibagħtuhielna imejl - tqattgħux il-magażin. Min jirbaħ jirċievi l-ktieb *Għasafar Madwarna*. Ċans għandkom sa **20 Jannar 2006**.



1. Tip ta' ċimp (p9)
2. Hawn kien jgħix id-dodo (p4)
3. Fjamma bl-Ingliż (p5)
4. Qed jerġgħu jidhlu l-kaċċaturi hawn (p8)
5. F'Għajn _______ kien ibejjet il-barbaġann (p6)
6. Fejn għandu d-dwiefer il-hoatzin (p11)
7. Attent iniggeż!!! (p1)
8. Janet u Amy jsibulna websajts fuq din (p10)
9. Serp kbir li jgħix fix-xmajjar ta' l-Amażon (p11)

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 70 hija **Stephanie Sant** minn Marsaskala. Prosit Stephanie, il-ktieb dalwaqt ikun għandek.

FAL
Żgħażagħ BirdLife Malta



# Lura bħall-granċ!




Imma KIF erġajna morna l-bahar?! X'ħarqa u x'indannament...

Ħadt ġurnata leave (iva hijjos m'ghadnix l-iskola jien) u filghodu ghaddejt ghal Matthew Borg Cardona u tlajna l-Buskett nirringjaw*.

Peress li ftit ilu kont smajt xi ringers jilmentaw li l-Buskett reġgħu qed jidħlu l-kaċċaturi, morna f'għalqa fl-gholi fejn suppost ma jkunx hemm kaċċa.

Billi! Kif bdejna narmaw nara bozza ħamra żghira tteptep riesqa lejna. Kien il-kullar ta' kelb ta' kaċċatur. Sid il-kelb hemm kien, flimkien mat-tifel, li żgur ma kienx hemm biex iżommlu idejh.

Ghaddejt kumment imma ma tawx kasi u baqgħu dehlin. Kont se nċempel lill-pulizija, imma ftakart li dan l-aħħar xbajna nċemplulhom bla ma jiġu - kienu mhabbtin biċ-CHOGM. Għalhekk ma ċempilt xejn, għax aktar kont ninħaraq li kieku ċempilt u ma ġewx.

Imma kif hux! Kont ili snin ma nara kaċċatur fil-Buskett. Issa f'temp ta' ftit ġimgħat erġajna lura għal li konna, bil-kawbojs jippassiġġaw fil-Buskett qisu tagħhom. Il-Buskett huwa santwarju ta' l-għasafar u ħadd (ħlief ringers liċenzjati) ma jista' jispara jew jaqbad għasafar fih.

Mhux li jerġgħu jiġu l-kavallieri, għax dawk għall-inqas ma kienu jħallu lil ħadd jikkaċċja fil-Buskett, ħlief lill-Gran Mastru!

*Justin wieħed mir-ringers tal-BirdLife li għandhom liċenzja jirringjaw l-għasafar bħala parti minn studju.

justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko

Attività Falko

| **Ħajk bil-pass...** | **...u ħajk bir-roti!** |
|---|---|
| Triq: **mir-Rabat sas-Simar** | Triq: **mill-Mosta sa Ħad-Dingli** |
| Data: **il-Ħadd 15 Jan 2006** | Data: **is-Sibt 21 Jan 2006** |
| Niltaqgħu: **7.30am il-Belt ħdejn tal-ħalib** jew **8am fil-venda tar-Rabat** | Niltaqgħu: **7.30am il-Belt ħdejn tal-ħalib** jew **8am ħdejn il-knisja tal-Mosta** |
| Età: **Falko (13+)** | Età: **Falko (13+)** |



Għaż-żewġ ħarġiet, ibbukkjaw b'sms/ċemplu lil Matthew (99886811) jew lil Simon (79094104). Ġibu x'tieklu u x'tixorbu, f'basket tad-dahar.

## Il-Gwerra tal-Golf

Il-BirdLife kontra l-golf? Lanqas xejn! Fih innifsu l-golf mhux passatemp kiefer, bħall-kaċċa u l-insib. Imma jekk l-affarijiet ma jsirux sew, il-golf xorta jista' jagħmel ħsara kbira lin-natura.

Il-problema hi li l-golf irid ħafna ART, ħaġa li Malta ma tantx għandna minnha. Fejn taqbad tagħmel korsa fuq gżira daqs tikka? Bħala għaqda ambjentali, il-BirdLife hija kontra li ssir korsa tal-golf f'postijiet ta' valur ekoloġiku, per eżempju fix-xagħri (bħax-Xagħra l-Ħamra). Ix-xagħri huwa ambjent sinjurun fil-pjanti. Imma min moħħu fil-liri ma tantx jimpurtah mis-sagħtar u mill-għansar. Imma aħna iva naghtu kashom. Dik hi d-differenza l-kbira.

Hemm problemi oħrajn. Biex iżżomm medda art bħal dik ħadra s-sena kollha ara kemm trid ILMA! U nafu kemm aħna fqar fl-ilma. Biex nipproduċu l-ilma li jżommna ħajjin diġà nużaw kważi kwart ta' l-elettriku kollu ta' Malta. Aħseb u ara biex tipproduċi ilma biex issaqqi żewġ jew tliet jew kemm korsi qed isemmu. X'qed jaħsbuha korsa tal-golf? Xi piċċ tal-boċċi? Wieħed għaref qal: Mhix problema, inġibu l-enerġija mix-xemx. Kieku tajjeb. Lil dan l-għaref ngħidulu: La jkollna pawer stejxin taħdem bix-xemx erġa' kellimna. Sadattant nibqgħu saqajna ma' l-art.

Hemm problemi oħrajn, imma t-tnejn li semmejna huma diġà biżżejjed biex nistaqsu: Jagħmel sens wara kollox li toħlom b'korsa tal-golf f'pajjiż bla art u bla ilma?



# Planet of the Apes



Hawn ħafna tipi ta' xadini. Tlieta minn dawn jgħidulhom " great apes" - xadini kbar, bla denb u b'dirgħajn itwal sew minn saqajhom. Dawn huma l-gorilla, iċ-ċimp u l-orangutan. Kollha qegħdin f'periklu kbir li jinqerdu minn wiċċ id-dinja, u jmissna nistħu għax it-tort (bhas-soltu) huwa tagħna. Hija tassew ħasra kif aħna l-bnedmin m'għandna rispett lanqas lejn dawn l-annimali li l-aktar jixbħuna...



## gorilla

L-ikbar xadina tad-dinja. B'saħħtu ħafna u b'dehra ftit tal-biża', imma mhux annimal feroċi. Jgħix fi gruppi żgħar għall-kwiet fil-foresti tropikali, jiekłu, jilagħbu u jistrieħu. Il-gorilla huwa veġetarjan, u jiekol kwantità kbira ta' weraq, u f'xi nħawi anke frott. Uħud jgħixu fil-muntanji, oħrajn fil-foresti tal-pjanuri.

**Kemm hawn speċi?** 1
GORILLA *Gorilla gorilla*

**Fejn jgħix?** Kamerun, Gabon, Repubblika Congo, DRCongo, Central African Republic, Equatorial Guinea, Rwanda, Uganda.

**Problemi**: Qerda tal-foresta, kaċċa, serq tal-frieħ, mard.

**Kemm baqa'?** Xi 130,000



## ċimp

Iċ-ċimp (jew ċimpanżi) jgħix fi gruppi u familji fil-foresti tropikali, u jiekol frott, weraq u kultant jaqbad xadini żgħar. Jaf juża ġebel u zkuk bħala għodda. Huwa l-aktar annimal li jixbaħ lill-bniedem, fil-fatt jixbaħ lilna iktar milli jixbaħ lil xadini oħrajn!

**Kemm hawn speċi?** 2
ĊIMP KOMUNI
*Pan troglodytes*
BONOBO
*Pan paniscus*

**Fejn jgħix?** F'21 pajjiż fl-Afrika ċentrali, mis-Senegal sat-Tanżanija.

**Problemi**: Qerda tal-foresta, kaċċa, mard u serq tal-frieħ għaċ-ċirkli, żuwijiet, petxops u laboratorji.

**Kemm baqa'?** Xi 250,000



## orangutan

Il-kelma orangutan tfisser "bniedem tal-foresti"! Jgħix fis-siġar, fil-foresti tropikali. Iħobb jitbandal miz-zkuk għax dirgħajh twal u b'saħħithom. Jiekol frott, weraq, insetti u kultant jisraq bajd minn bejtiet ta' l-għasafar. Għandu pil ħamrani u twil, u r-raġel kbir id-doppju tal-mara. Għandu għajta qawwija.

**Kemm hawn speċi?** 2
ORANG TAS-SUMATRA
*Pongo abelii*
ORANG TAL-BORNEO
*Pongo pygmaeus*

**Fejn jgħix?** Malażja, Indoneżja.

**Problemi**: Qerda tal-foresta, kaċċa, serq tal-frieħ.

**Kemm baqa'?** Xi 60,000

karta riċiklata

# Sibtha fix-Xibka!
## Websajts fuq in-natura

Sajt b'informazzjoni ma tispiċċa qatt u bi tpenġijiet tassew sbieħ li tolqot minn tfal ta' Year 1 sa għalliema. Mela int żgur se ssib xi ħaġa tgħodd għalik.

Fiha taqsimiet bħal Infant Explorer, Dragonfly Challenges, Eco Explorer, Plant Explorer u Pond Explorer fost oħrajn. L-Eco Explorer jagħtik ideat kif terġa' tuża l-affarijiet qabel tarmihom. Fi Plant Explorer tiskopri kif inhi magħmula pjanta, tara ritratti ta' pjanti differenti u taħdem taħriġ interessanti dwar pjanti li nieklu.

U jekk ħadt il-parir ta' l-editur fil-ħarġa tal-*Ħuttafa* li għaddiet u deffist dixx bl-ilma fil-ħamrija, klikkja Pond Explorer u bl-*identification key* forsi tagħraf xi annimali żgħar li ssib fl-ilma. U l-*factsheets* jagħtuk tagħrif dwarhom, li tista' tniżżlu fuq *activity sheets* biex tifforma ktejjeb dwar l-annimali li tkun sibt.




issibuha f'dan l-indirizz:
**http:// www.naturegrid.org.uk**

Issa li qegħdin fil-vaganzi tal-Milied araw li kultant tittawlu waħda fix-Xibka (l-Internet) għax b'hekk titgħallmu filwaqt li tieħdu gost. Meta tużaw il-ħin tagħkom tajjeb, mhux intom biss tkunu kuntenti imma l-ġenituri tagħkom ukoll! Il-Festi t-Tajba!

**Janet u Amy Gerardi**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- 3 pitazzi
- stiker bil-kulur
- 15-il punt fil-Ħuttafattiva




Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______________________
indirizz ______________________
______________________ postcode
data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________
liema skola jattendi ______________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______________________
indirizz ______________________
______________________ postcode
membership number ________ telefon ________ imejl ________
liema skola tattendi ______________________

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 43 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

# AMAZON

Kitba u ritratti ta' **Alison Buttigieg**





farfett kaliko



pirana

L-Amażon hija r-reġina tal-foresti tropikali - fiha iktar minn nofs il-foresti tropikali tad-dinja, u hija d-dar ta' waħda minn kull ħames ispeċi ta' ħlejjaq tad-dinja. Li kieku l-area ta' l-Amażon kienet pajjiż, kienet tkun id-disa' l-ikbar pajjiż fid-dinja.

Imkien ma teżisti daqstant biodiversità. Biżżejjed ngħidu li f'għadira ċkejkna fl-Amażon jista' jkun hemm ferm iktar speċi ta' ħut ta' l-ilma ħelu milli jeżistu fl-Ewropa kollha f'daqqa. F'siġra waħda tista' ssib 43 speċi ta' nemel!

Il-foresta Amażon tifrex fuq disa' pajjizi Sud Amerikani: il-Brażil, il-Bolivja, l-Ekwador, il-Perù, il-Kolumbja, il-Veneżwela, il-Guyana, is-Suriname u l-Giyana Franċiża.

Il-qalb ta' l-Amażon hija x-xmara li ġġib l-istess isem, kif ukoll it-tributarji (xmajjar iżgħar li jinfdu fiha) tagħha. Din hija l-ikbar xmara fid-dinja, li ġġorr żewġ terzi ta' l-ilma ħelu kollu tad-dinja. Fiha jgħixu eluf ta' ħlejjaq, fosthom dniefel ta' l-ilma ħelu, kukkudrilli, anakondas (sriep enormi) u s'intendi... il-pirana, il-famuża ħuta karnivora.

Però l-Amażon qed tinqered b'pass mgħaġġel. Is-soltu storja: siġar jinqatgħu bl-addoċċ, kemm għall-injam kif ukoll biex jagħmlu wisa' fejn jirgħu l-baqar (biex imbagħad isiru ħambergers!); impjanti taż-żejt u minjieri jitfaċċaw kullimkien; toroq ġodda kull fejn tħares; u miljuni ta' annimali jinqabdu mill-foresta biex jinbiegħu bħala pets, fosthom pappagalli u xadini, imma anke sriep, żrinġijiet, brimb, u pjanti bħal orkidi rari.

Tgħid sa ftit snin oħra l-Amażon ħa tkun biss rikordju?

## Għasfur tassew stramb!



Il-**hoatzin** huwa fost l-aktar għasafar strambi fid-dinja, u jgħix sewwa sew fl-Amażon. Mhijiex biss id-dehra tiegħu stramba. Dan huwa l-unika għasfur li jiekol weraq biss u għandu sistema diġestiva bħal tal-baqar! L-iktar ħaġa stramba hija li għandu d-dwiefer fil-ġwienaħ. Dawn jgħinu lill-flieles jixxabbtu mas-siġar meta joħorġu mill-bejta.




Il-ġnub tax-xmara Amazon huma fgati bis-siġar

# Irridu x-Xagħra l-Ħamra ħajja u varjata...

BirdLife







... u mhux deżert aħdar!